MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2010

Numru. 137/2003

**Il-Pulizija
(Supretendent Norbert Ciappara)**

**Versus**

**Joshua Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Joshua Grima ta' 29 sena imwieled fit-12 ta' Lulju 1973 imwieled Attard bin Vincent u Anna nee Falzon residenti 29 Flat 2 St Mary Pomey Street Birkirkara detentur tal-karta tal-identita' 349273 (M)

(1) Akkużat talli fil-11 ta' Frar 2003 kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet

ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; **liema droga nstabet f'ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;**

(2) Ukoll talli fil-11 ta' Frar 2003 fil-Gżira f'Malta żamm arma tan-nar u munizzjon jew kellu f'idejh jew fuq il-persuna tiegħua rma tan-nar jew munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-artikolu 3(1) tal-Kap 66 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija l-Qorti tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess fosthom l-ordni tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta' Marzu 2003, iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 3492 tas-sena 1973, il-fedina penali tal-imputat (fol 4), l-istqarrija tal-imputat, il-konferma tal-esperti maħtura mill-Maġistrat Dr Consuelo Scerri Herrera, id-dokument JB a fol 44 et, il-ħatra tal-Ispiżjar Mario Mifsud wara talba mid-difiża sabiex l-espert jagħmel ċerta testijiet kif indikati a fol 63 u 64 bil-kunsens tal-imputat li dan l-espert jkun jista' jieħu informazzjoni medika minn għand persuni li jkunu eżaminawh, id-dokuement JG a fol 129, is-sentenza ċivili ppreżentata seduta stante fl-ismijeit Darren Grima vs Joshua Grima (15 ta' novembru 2007) fejn l-imputat kien kkundannat iħallas Lm22,000 lil ħuh u s-sentenza mogħtija fil-15 ta'

Jannar 2008 mill-Maġistrat Dr.A Micallef Trigona dwar il-pussess ta’ pisola tal-amrka Raven għall-ħals ta’ Dazju u Vat (fol 135).

Is-Supretendent Norbert Ciappara xehed li kien saret perkwiżizzjoni fil-fond tal-imputat fil-11 ta’ Frar 2003 u taħt it-tieqa tax-xaft kienet instabet borża tal-plastik trasparenti b’sustanza bajda.

Kien hemm pistola u senter. Għas-senter l-imputat qal li kien liċenzjat. Lill-espettur kien qallu wkoll li l-kokaina li kienet fix-xaft kienet tal-imputat, L-imputat kien qal ukoll li kien habitual user tal-kokaina, li dak li xtara kien għall-użu personali tiegħu u li bl-ebda mod ma kellu f’moħħu li kien jikkonsmaha.

**L-Istqarrija tal-imputat.**

**L-imputat** kien stqarr li huwa kellu part time li jirrendi barra mix-xogħol ewlieni tiegħu. Huwa qal li ma kellux liċenzja għall-arma li nstabet.

L-imputat ma weġibx għal għadd ta’ mistoqsijiet. Huwa nnega li kien ibigħ id-droga.

PC 10 Trevor Cassar Mallia u WPS Marisa Bartolo ikkonfermaw li kienu elevaw pistola, miżien u sustanza suspettata fil-preżenza tal-imputat. A fol 30 PC 10 Trevorf Cassar Mallia għaraf l-esibiti bħala dawk li kienu elvati fuq il-post.

Is-Sur Godwin Sammut, analista kkonferma r-relazzjoni tiegħu u xehed li l-miżien kien jaħdem, li kienu nstabu xi traċċi ta’ kokaina fuq xi dokumenti u li fid-dokument 03 ALC 206 kienu nstabu 47.67 grammi ta’ kokaina b’96% purita’.

PS 1374 Edgar Dalli kkonferma li kien għamel eżamijiet li ma ħallew ebda riżultat.

WPC 16 Josianne Buttigieg xehdet li l-imputat kellu liċenzja biex iżomm shotgun (senter) iżda mhux pistola. (fol 42).

**PS 268 Stephen Monreal ikkonferma li l-borża kienet imdendla mal-ħadia tat-tieqa tat-toilet tal-ħanut tal-imputat. Kient imdendla mal-pipe. (fol 49 u 50).**

PC 1253 Fredrick Brincat u PS 1184 Patrick Grech ikkonfermaw ir-relazzjoni tagħhom.

L-Ispiżjar Mario Mifsud ippreżenta r-risposti tiegħu u qal li f'ċerti dokumenti kien hem mil-preżenza ta' sodium bicarbonate, li l-creatine monohydrate tintuża minn bodybuilders, li fuq ċerti dokuemnti ma kienx hemm sinjali t'a ħruq, li l-effetti fuq bniedem lit kun qed tabbuża mill-kokaina huma dawk li jidhru a fol 80 (fosthom imġiba stramba, nuqqas ta' nifs, attakki tal-qalb (effetti ta' użu għal perjodu qasir) waqt li l-effetti għall-użu aktar fit-tul huma distruzzjoni tat-tessuti tal-imnieħer (jekk wieħed ixomm), problemi respiratorji (jekk tkun impejjpa), infezzjonijiet, apatija, dipendenza psikoloġika qawwija, paranoid psychosis, perjodi twal ta' rqad (ara fol 80). Fl-aħħarnett l-istraw tintujża sabiex wieħed jissniffja l-kokaina. L-ammont ta' kokaina f'dan il-każ kien ta' bejn 10 sa 35 mg.

Xehdet ukoll Vicky Scicluna fis-7 ta' Jannar 2008. Hi qalet li l-imputat kien amr xi tleit snin qabel (jiġifieri fis-sena 2005)(fol 90). L-imputat talab minn għand it-tabib konferma li kellu addiction serja. L-imputat kien f'sitwazzjoni gravi f'dak li hu abbuż tal-kokaina. Kultant l-imputat kien isofri minn xi side effects. Kien isofri minn haemorrhaging minn widnejh (fol 92), disturbi f'qalbu, fin-nifs u dawn l-affarijiet. L-imputat imbagħad iddaħħal fid-DDU. (fol 93) fejn għamel kważi gimagħtejn. L-ammonti ta' haemorrhaging li kien qed isemmi l-imputat kienu above average. (fol 94).L-imputat beda jirrelaizza li ried joħroġ mill-problema.

Xehed Dr Grech li qal li l-imputat kellu problema kbira tad-droga kokaina.(fol 99). Kiken juża l-kokaina b'mod goff ħafna li kienu qed iġibu konsegwenzi bħal uġigħ f'sider l-imptutat u saħansitra tip ta' stroke.

Xehed l-imputat li qal li kellu tliet ħwienet. Fis-sena 2003 huwa kellu ħanut tal-mobiles u kien iwaħħal xi air conditioners. Kellu impjegat miegħu sabiex jagħmel id-deliveries. Kellu klient tajjeb li meta kien stiednu d-dar fuq biċċa xogħol, dan il-klient beda jieħu l-kokaina. U dik kienet l-ewwel darba li l-imputat ħa l-kokaina. Meta kellu t-tfittxija mill-Pulizija kien ilu jieħu xi ħames xhur. (fol 112). L-imputat sar addict tad-droga li bdiet teddettalu ħajtu. Huwa beda jieħu ħames grammi u ġieli tela' anke aktar għax kien jissniffja. Flus kien ikollu iżda ħa xi flus ta' ħuh ukoll 9ara sentenza ppreżentata mid-difiża) Ħuh kien fittxu għal Lm26,000. Kien beda jieħu qisu 10 grammi. Kien beda jsajjarha u jpejjipha. . Hu qatgt ma sajjar bl-ammonju iża bil-karbonat. Huwa beda jsajjar il-kokaina għaliex il-feeling kien 10 darbiet aħjar minn meta tissniffja. Kien jieħu l-istilnox biex jorqod għaleix inkella tibqa' tieħu. Kien jieħu wkoll il-creatine u jħallatha għax kien spiċċa jiżen 57 grammes.

Id-droga li kienu sabu għandu l-Pulizija kein xtraha għal madwar Lm2000.(fol 120). L-imputat spjega wkoll kif dak in-nhar li xtara d-droga hwua kien induna bil-mobile squad.

L-imputat qal ukoll li kien nefaq madwar Lm40,000 fid-droga.

Illum l-imputat qed jgħin lin-nies li kienu jieħdu d-droga.

Fil-kontro-eżami l-imputat qal li l-miżien kien jużah biex jara l-piż u t-tieni qabel ma kien isajjar il-kokaina kien jiżinha.

Kien ikkonfermat mix-xhud Ms Vicky Scicluna li l-imputat qed joffri impieg lil dawk in-nies li jkollhom il-problema li għadda minnha hu. (fol 131). Huwa wkoll ġieli rrefera nies għand is-Sedqa. Ilum l-imputat ħareġ mill-problema.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwel imputazzjoni hija dwar pussess aggravat ta' kokaina. Il-Prosekuzzjoni għamlet din l-imptuazzjoni għaliex għand l-imputat sabet numru ta' grammi konsiderevoli u ta' purita' għolja u sabet ukoll miżien.

L-imputat iżda ġab provi li huwa kien heavy user tal-kokaina u spjega fid-dettal kif beda l-vizzju u kif dan il-vizzju rikbu f'qasir żmien. Saħansitra l-vizzju kellu effett enormi fuq in-negozju tiegħu u fuq saħħtu.

Il-Provi li ġab l-imputat jistgħu jinqasmu prinċipalment f' erbgħa:
(a) soċjali; (b) mediċi; (ċ) forensiċi; (d) legali

(a) Mill-provi soċjali, jiġifieri mix-xhieda tar-rappreżentant tas-Sedqa, jidher li l-imputat kien heavy user. Tassew li donnu kien hemm inizjattiva mill-imputat stess – wara li kien beda dan il-każ – li ried li tabib jiċċertifika li huw akellu problema serja. Iżda l-problema serja irriżultat ukoll mill-monitoring tar-rappreżentanti tas-Sedqa li kellhom preokkupazjoni serja dwar l-imputat.

(b) Mill-provi mediċi li l-imputat ipproduċa jirriżulta li huwa kien tassew heavy user. Ix-xhieda ta' Dr. Grech hija ċara ħafna speċjalment fejn issemmew konsegwenzi marbutgin ma' heavy use..

(ċ) Mill-provi forensiċi hemm ħjiel ukoll (saħansitra bl-użu tal-bikarbonat kif qal l-imputat) li l-imputat kien heavy user..

(d) Din hija s-sentenza ta' kundanna għall-ħlas ta' flus. L-imptuat jorbot dan l-ammont ma' kif kien qed iberqaq flusu fid-droga. Hija prova remota għax seta' kien hemm raġunijeit oħra għaliha, iżda mhxu ta' min jiskartaha għax tagħmel sens fiċ-ċirkostanzi.

Dwar l-użu tal-miżien, waqt il-kontro-eżami mmexxi mill-abbli Supretendent Norbert Ciappara, l-imputat qal li l-miżien kien użah biex jara l-piż u qabel ma kien isajjar il-kokaina.  Il-Qorti ma jihdrilhiex li għandha turbot l-uża tal-miżien ma' tqassim tal-istess droga.

Meta l-Qorti kkonsidrat dan kollu mhxi issib lill-imputat ħatgi tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta iżda minflok qed issib lill-imputat ħati ta' pussess **sempliċi iżda serju** tad-droga kokaina fil-parametri tad-dati mogħtija fl-ewwel imputazzjoni, reat li huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni.

Dwar it-tieni imptuazzjoni, id-Difiża eċċepiet l-eċċezzjoni tan-'Ne bis in idem'.  Dan għaleix l-imputat diġa' kien ikkundannat b'sentenza oħra li kienet ippreżentata għall-istess fatt.

Huwa veru, li kif issottomettiet il-Prosekuzzjoni, fis-sentenza preċedneti, l-kundanna kienet dwar Dazju u VAT li kellhom jitħallsu fuq il-pistola tal-marka Raven u fuq il-balal.  Din id-darba, l-imputazzjoni hija li l-imputat kellha arma tan-nar u munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Iżda l-artikolu 527 tal-Kap 9 jirreferi għall-istess 'fatt/fatti' u mhux għall-istess offiża, reat jew imputazzjoni.  Din il-Qorti kif preseduta diġa' daħlet fil-fond dwar dan il-punt f'żewġ sentenzi preċedenti tagħha fejn f'waħda kkonludiet li l-fatti kienu l-isetess jew marbutin waqt li f'oħra ddeċidiet li l-fatti ma kellhomx x'jaqsmu.  Barra dawn is-sentenzi, l-istess Qorti tat diversi sentenzi fuq l-istess punt in konnessjoni ma' bini bla permess dwar jekk kienx hemm l-istess piena.

Fil-każ odjern il-Qorti qed tiddeċiedi li l-fatti huma l-istess.  Għandhom x'jaqsmu mal-istess arma.  L-imptuat diġa; kien ikkundannat għall-istess fatt u fid-dawl ta' sentenzi l-aktar reċenti tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijeit tal-Bniedem mogħtija matul is-sena 2009 din il-Qorit qed

tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni mqajme mid-difiża tan-ne bis in idem.

**Konklużjoni.**

Il-Qorti, wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a0, 22(2)(b)(i)(ii) u 29 tal-Kap 101 kif ukoll ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, u l-artikolu 3(1) tal-Kap 66 li kien viċenti fiż-żmien tal-allegat reat deskritt fit-tieni imptuazzjoni qed tillibera lill-imputat mill- ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputat u minflok qed issibu ħati ta' pussess sempliċi **iżda serju** tad-droga kokaina, reat li huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni minħabba l-priċipju 'ne bis in idem'.

Skond il-Prosekuzzjoni, l-imptutat jimmerita li jgawdi mill-benefiċċju tal-artikolu 29 tal-Kap 101 f'żewġ gradi . **Il-Qorti qieset ukoll li l-imptutat mhux biss inbidel hu iżda issa qed jgħin lil ħadd ieħor biex jinbidel u qiegħed ukoll jipprovdi impieg lil min għadda mill-istess trawma u jirreferi individwi lis-Sedqa**.

Għal dawn ir-raġunijiet, u minħabba l-fatti speċji ta' dan il-każ, il-Qorti qed tipprovdi kif ġej dwar il-piena: qed tikkundanna lill-imputat iħallas multa ta' €780 liema multa tista' titħallas b'rati ta' 60 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament isir fi żmine erba' ġimgħat mil-lum u jekk il-multa ma titħallasx din tinbidel f'jiem ta' priġunerija skond il-Liġi kif ukoll sabiex jagħmel xogħol fil-kommunita' għal 100 siegħa taħt is-superviżjoni tal-Probation Officers.

Ai fin ital-artikolu 533, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas biss l-ispejjeż tal-espert Marfio Mifsud liema spejjeż inħolqu b'talba tal-imptutat stess liema spejjeż jammontaw għal €351.92
liema spejjeż għandhom jitħallsu fi żmien xahar mil-lum.

Iżda l-Qorti mhix tikkundannah iħallas l-ispejjeż tal-eseprti mqabbdin matul l-inkjesta għaliex din saret qabel is-16 ta’ Jannar 2006.

Fl-aħħarnett il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------